*Ħaż-Żebbug - Citta' Rohan*

***KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ***

**LAQGĦA - AĠENDA NUMRU 52– 4 ta' Awwissu 2022**

***Minuti tal-ħamsin laqgħa tal-Kunsill tat-tmien Leġislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Ċittà Rohan, li saret nhar fis-4 ta' Awwissu fis-6:00pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' l-Kunsill Lokali fis-sitta ta' filgħaxija sabiex tkun diskussa Aġenda Numru 52. Il-laqgħa bdiet fis-6:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Mark Camilleri** | Sindku |
| | **Steve Zammit Lupi** | Kunsillier |
| | **David Battistino** | Kunsillier |
| | **Anthony Borg** | Kunsillier |
| | **Patrick Bonnici** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| | **Philip Edrick Zammit** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| **Assenti b'Apoloġija** | **Patrick Bonnici** | Kunsillier |
| **Assenti :** | **Ħadd** | |


***Sindku (Mayor):*** Mark Camilleri BSc (Hons.) ALIBF

***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Clive Azzopardi ACCA CPA MIM MIA Certified Public Accountant

***Kunsilliera (Councillors):*** Steve Zammit Lupi Bachelor of European Studies (Honours) with Communications,
Philip Edrick Zammit,
Patrick Bonnici B.A (Hons.)(Melit), P.G.C.E.(Melit), Dip.Mrkt.(Melit), M.A.(ISSS)(Melit),
George Cortis, Kevin Glynn, David Battistino, Anthony Borg

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut****, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** zebbug.malta.lc@gov.mt ***Tel:*** *21 468181*

**Pubbliku:** **Ħadd**

**Uffiċjal preżenti:** **Paula M. Valletta** Segretarju Eżekuttiv

---------------------------------------------------------------------------------------------------------

**52.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

Is-Sindku Mark Camilleri informa lill-Kunsill li l-Viċi Sindku Clive Azzopardi u l-Kunsillier David Battistino kienu ser jaslu tard għal-laqgħa, filwaqt li l-Kunsillier Patrick Bonnici kien informa li ma jistax jattendi.

**52.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

Il-Kunsillier Kevin Glynn ippropona li l-minuti jkunu appovati kif preżentati. Huwa kien sekondat mill-Kunsillier Anthony Borg. Il-minuti ġew approvati unanimament.

**52.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

Is-Sindku Mark Camilleri informa lill-Kunsill li:

- It-tender tal-Bini tal-Latrina/Librerija għandu jkun iffirmat fil-ġranet li ġejjin.
- Għat-tender tal-kiri għall-post sabiex iservi ta' Berġa, kien hemm offerta waħda biss liema offerta ma jidhirx li hi tajba minħabba diversi nuqqasijiet.
- Għat-tender tal-kiri għall post sabiex iservi ta' Community Police Office, kien hemm offerta waħda biss.
- Għall-Ġnien l-Indipendenza, is-Sindku qal minn informazzjoni li għandu, it-tender ser jerġa jinħareġ.



***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut**, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** *zebbug.malta.lc@gov.mt* ***Tel:*** *21 468181*

Is-Sindku Mark Camilleri nforma lill-Kunsill li fl-aħħar t'Awwissu ser tinżamm laqgħa mal-Ministru Dalli dwar il-Palazz tal-Baruni. Is-Sindku Mark Camilleri qal ukoll li dwar iż-żewġ soft areas li hemm fi Triq Mikielanġ Sapiano, għandha tinkiteb korrispondenza minnu sabiex dan l-artijiet jingħataw lill-Kunsill sabiex ikunu konvertiti f'soft areas.

**52.4 Budget 2022**

Is-Segretarju Eżekuttiv kienet iċċirkulat il-Budget għas-sena 2022. Hija qalet li dan kien inizjalment mitlub f'Novembru 2021 sabiex ikun preparat fil-ħin, pero għalkemm intbagħatu diversi tfakkiriet lill-Accountant, dan kien komplut proprju qabel inħarġet l-agenda u ghalhekk kien ser ikun diskuss issa.

Is-Sindku Mark Camilleri ppropona li l-budget jkun approvat filwaqt li l-Kunsillier Kevin Glynn issekonda. Il-Budget għas-sena 2022 kien approvat unanimament.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-Audited Financial Statements għas-sena 2021 għadhom ma ittellgħux fil-laqgħa minħabba li l-konferma tal-bilanċi tal-banek għadha ma tistax issir għaliex is-Sindku l-ġdid għadu ma jidhirx bħala firmatarju tal-Kunsill. Il-proċeduri ta' verifika metikolużi li qed jkunu addottati mill-banek qed jtawlu l-proċess sabiex dan it-tibdil isir.

**52.5 Talba għall-One Way Triq il-Mro. Frank Galea**

Is-Sindku Mark Camilleri qal li intbagħtet korrispondenza minn TM sabiex Triq Mro Frank Galea issir one way u traffiku jgħaddi biss minn Triq Gharram direzzjoni lejn is-Service road ta' Triq l-Imdina. Il-Kunsill wara diskussjoni iħoss li jekk għandha tinqaleb id-direzzjoni tat-traffiku għal din-triq, għandu jkun bil-kontra jiġifieri l-karozzi jidħlu mis-service road ta' Mdina Road u joħorġu għal Triq Għarram. Dan minħabba l-ammont ta heavy vehicles li jgħaddu mix-xona. Kien hemm qbil unanimu.

**52.6 Tender tal-Knis**

Saret diskussjoni dwar dan it-tender. Kien hemm qbil li jinħareġ tender wieħed biss għal Ħaż-Żebbuġ kollu. Fost ir-rekwiżiti ser ikun mitlub li t-tindif jibda minn filgħodu u li jkunu qegħdin jaħdmu sitt ħaddiema fl-istess waqt u li kull triq issir darba fil-ġimgħa.

**52.7 Proġett Hal Kaprat – Dar residenzjali għan-nies b'Dimensja**

Il-Kunsill qabel unanimament li ma tistax tittieħed pożiżżjoni la għad m'hemmx applikazzjoni formali min-naħa tal-iżvilluppatur. Il-Kunsill ma jistax jonqos milli jinnota l-ammont ta' nformazzjoni li l-Periti tal-Proġett kienu qed jaqsmu mal-Kunsill u mar-residenti.

## 52.8 Vot tal-Flus

Wara dikussjoni dwar l-iskeda tal-pagamenti li kienet ċirkolata, ġie maqbul unanimament li dawn ikun approvati fuq proposta tas-Sindku mark Camilleri sekondata mill-Viċi-Sindku Clive Azzopardi.

Il-Kunsillier Steve Zammit Lupi talab li jitneħħa bin minn fejn il-latrini u floku issir kaxxa tal-għodda għar-roti li tkun imweħħla. Kien maqbul ukoll li jiżdiedu l-bicycle racks fil-pjazza u fi Triq Sciortino. Kien maqbul ukoll li l-apparat tal-AED jitwaħħal fil-viċinanzi.

## 52.9 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss

Qabel ma spiċċat il-laqgħa , il-Kunsillier Philip Edrick Zammit informa lill-Kunsilliera li ser ikun qed jirriżenja minn Kunsillier Laburista iżda ser jibqa Kunsillier Indipendenti.

Il-Laqgha spiċċat fit-8:30pm. Sadanittant il-laqgħa ġiet aġġornata għall-5 ta' Settembru.

| | |
|---|---|
| **Mark Camilleri** | **Paula M. Valletta** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

***Sindku (Mayor):*** Mark Camilleri BSc (Hons.) ALIBF

***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Clive Azzopardi ACCA CPA MIM MIA Certified Public Accountant

***Kunsilliera (Councillors):*** Steve Zammit Lupi Bachelor of European Studies (Honours) with Communications,
Philip Edrick Zammit,
Patrick Bonnici B.A (Hons.)(Melit), P.G.C.E.(Melit), Dip.Mrkt.(Melit), M.A.(ISSS)(Melit),
George Cortis, Kevin Glynn, David Battistino, Anthony Borg

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut****, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** *zebbug.malta.lc@gov.mt* ***Tel:*** *21 468181*